# WIRDIEN

*(Blatta Orientalis—Blatta Germanica)*

Il-wirdiena sewda jew wirdiena tal-Lvant (*Blatta Orientalis*) ma hiex imxerrda mad-dinja kollha, u anqas iġġib dik il-ħsara kollha li ġġib id-dubbiena ; imma n-nies tistkerrahha imħabba r-riħa tagħha u mħabba x-xbieha tagħha. Mill-banda l-oħra dawn iż-żminijiet il-għorrief qegħdin jibżgħu ħafna minnha, il-għaliex barra milli tâti dik ir-riħa hekk moqżieża li aħna l-koll nafu, hemm biża' li din il-wirdiena tista' ġġib ukoll iż-żerriegħa tal-Kanċer ! Ħafna kâżi li ġraw f'ħafna djar imżegħda bil-wirdien fejn il-marda tal-kanċer ġrat mhux biss qalb il-bnedmin imma wkoll qalb l-annimali ta' hemm ġewwa tatik x'taħseb ħafna u ħafna. U l-mejjet professur Maxwell Lefroy qâl li l-istonku tal-wirdiena sabu mimli biż-żerriegħa tal-mard ! U din il-biċċa iġġagħalna aktar u aktar ṅagħmlu d-dmir tagħna u neqirdu l-wirdiena.

Barra minn dan, il-wirdiena hija l-għajnuna biex xi dud ta' l-imsaren igħaddu minn xi annimali għal ġewwa l-istonku tal-bniedem.

Din il-wirdiena (*Blatta Orientalis*), ma' seħbitha (*Blatta Germanica*), issibha fid-djar, fil-għorfa, fil-fran u f'kull rokna fejn hemm is-sħana u l-umdità. Ġewna t-tnejn minn Barra, mal-vapuri ; il-kobor tagħha mhux dejjem l-istess : tista' tlaħħaq maż-żewġ pulzieri. Ir-raġel jingħaraf għaliex għandu l-ġwienaħ u ħafif fil-mixi tiegħu ; il-mara aktar ħoxna, aktar tqila u bla ġwienaħ u timxi b'żaqqa ma' l-art.

Il-mara tbid mas-sittax-il bajda, *ġewwa borża* li ġġorrha magħha sa kemm issib xi xaqq għas-sħana, fejn tħalli din il-borża biex tfaqqas. Meta jfaqqsu jkunu bojjod, u l-għamla tagħhom tkun bħal missirijiethom: joħorġu mill-borża u jibdew jimxu u jirgħaw fuq ħwejjeġ ħelwa jew fuq dak li isibu. Jikbru billi jbiddlu spiss il-qoxra, li kull ma tmur tiswied aktar. Ma' l-aħħar tibdila tal-qoxra isiru wirdien magħmul, u jgħixu ħafna snin. Mal-lejl joħorġu minn fejn ikunu mistoħbija, wara xi injam, xi gwardarobba, x'inkwatru u jneħħu minn ħalqhom dik ir-riħa li aħna l-koll nafuha, li biha spiss iċappsu l-ikel jew ħwejjeġ oħra li jkunu għaddew minn fuqhom. Billi jieklu fdalijiet ta' annimali mejta huma inisslu fina dud tal-mard meta jċappsu l-ikel li jgħaddu minn fuqu.



Wieħed jilqa' dawn il-ħsarat billi jżomm kollox nadif, igħatti jew jagħlaq tajjeb kull xorta ta' ikel. Fejn jinsabu dawn il-wirdien l-aħjar mezz huwa li teqridhom billi titfa' fuqhom gass velenuż jew tbexxixa bit-*tetracloruro di Carbonio*. Oqgħod attent li ma xxommux. Jekk il-wirdien ikun għamel il-bejta tiegħu mal-ħitan fittex qaxxar il-ġir kollu u ati passata mill-ġdid. Naddaf tajjeb kullimkien, ix-xquq kollha u f'kull xaqq itfa' minn dan it-trab :—

Zokkor u boraċ imdaqs ; inkella agħmel użu minn dan it-trab :

| | | |
|---|---|---|
| Fluoruro di Sodio | 10 | parti |
| Ross mitħun | 8 | " |
| Fosfato di Calcio | 2 | " |

**Dr. G. Busuttil**

# LIS-SIGARRETT

(ĊAJTA)

*Fugit velut umbra...*
*Terra et cinis.*

Fettul żgħir, coss q'għed ngħid jiena
inti tixbhu koċċ lill-bniedem,
—dan ngħidulek rasi u rasek,
għax inkella nara l-gdiedem—

Ħares ftit : int tħobb tiżżejjen,
tmur mal-moda ta' kull żmien ;
isem ħlejju jogħġbok ħafna,
*Boxsa*, *Dubec* u x'naf jien.

Anki l-bniedem ftit tal-fruha
mad-demm tiġri jħoss ġo fih :
iħobb jidher, jixtieq jogħġob,
jaħseb biss li jkun sabiħ,

u t-tnejn għandkom ħajja ċkejkna
li tfittixha u ma tinsab :
ftit duħħan li jtir ma' l-ajru,
ftit irmied li jmur mat-trab.

**Dun Karm**